# IL-BEATU ĠORĠ PRECA TA' MALTA

## *Ħajtu u għemilu*

**Editur**

**Oliver Friggieri**

Edizzjoni Klabb Qari Nisrani – **Nru. 78**

**2001**

# *IL-WERREJ*

Daħla – Oliver Friggieri .......... 5
Nota Bijografika .......... 7
Dati ewlenin – Renè Vella .......... 11

IL-BNIEDEM

1. Fundatur – Eugenio Borg .......... 14
2. *Leader* – Nicholas Balzan .......... 17
3. Bixra – Abel Giglio .......... 24

SPIRITWALITÀ

1. *Sequela Christi* – Joseph Fenech .......... 34
2. Devozzjonijiet – Carmel Bezzina .......... 45
3. Dnub – John Formosa .......... 58
4. X'ħadet il-Knisja – Peter Serracino Inglott .......... 69

XEJRIET PASTORALI

1. Żejt ġdid għas-Seklu – Joseph Abdilla .......... 76
2. Predikatur Evanġeliku – Pietru Pawl Saydon .......... 81
3. Kelma u Azzjoni – Oliver Friggieri .......... 85
4. Katekista – Ġorġ Deguara .......... 103
5. Bibljografija Magħżula – Natalino Camilleri .......... 110

# 4. X'Ħadet il-Knisja mingħand Dun Ġorġ

Ir-risposta sempliċi għall-mistoqsija "x'ħadet il-Knisja mingħand Dun Ġorġ?" tista' tingħata f'kelmtejn: "Eżempju ta' Qdusija". Se nipprova nfisser din it-tweġiba, billi nissuġġerixxi:

(a) li l-għamla ta' qdusija li jirrappreżenta Dun Ġorġ tixbah lil dik tal-kategorija tal-qaddisin imsejħin "boloh għal Kristu";
(b) li din l-għamla ta' qdusija paradossalment hija rilevanti ħafna għal żmienna;
(ċ) li, b'mod partikulari f'Malta, imliet vojt kbir minħabba n-nuqqas ta' istituzzjonijiet monastiċi.

A. Ir-raġuni għaliex teżisti l-Knisja hija l-qdusija. Il-veri rappreżentanti tal-Knisja huma l-qaddisin. Il-papiet, il-kardinali, in-nunzji, eċċ. għandhom funzjoni fil-Knisja. Imma jekk irridu nuru x'inhi l-Knisja, jeħtieġ induru lejn il-ġgajta tal-Qaddisin. Huma l-qaddisin, fid-diversità tagħhom, li jirriflettu b'mod ċar lil Kristu fil-kondizzjonijiet jinbidlu ta' l-epoki differenti ta' l-istorja.

Li kieku kelli nikteb storja tal-Knisja kont nikteb mhux storja tal-papiet u ta' l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, imma storja tal-qaddisin. Naħseb dik hija l-parti essenzjali ta' l-istorja tal-Knisja. Hekk, naraw li fl-ewwel sekli l-figura tipika tal-qaddis kienet il-*martri*. Kien żmien meta kien hemm konflitt bejn il-Knisja u l-Istat. Dak li kien jagħti xhieda tal-fidi tiegħu b'ħajtu kien il-figura tipika tal-qaddis. Imbagħad fl-ewwel medjuevu, fi żmien ta' espansjoni missjunarja, naraw jispikkaw il-figuri tat-*tawmaturgi*, li bil-qawwa tal-mirakli kienu jsejħu n-nies għall-konverżjoni. Imbagħad naraw għamla oħra ta' qdusija tiffjorixxi aktar tard, fi żminijiet meta l-insara kienu bdew iċedu għar-rutina, għall-kumdità, għall-konformiżmu mad-drawwiet tad-dinja, forsi b'rabtiet mill-qrib iżżejjed bejn l-awtoritajiet tal-Knisja u dawk ta' l-Istat. U, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jitfaċċaw qaddisin li jfittxu fuq kollox li jidentifikaw

irwieħhom ma' Kristu mżeblaħ, imneżża' minn kollox, saħansitra minn ħwejġu, ittrattat ta' miġnun.

Mal-kategoriji tal-qaddisin li għandna fil-knisja tal-punent, (bħal "martri", "konfessuri", "dutturi", "verġni" eċċ.) fil-knisja tal-lvant hemm infatti kategorija ta' qaddisin li jgħidulhom "il-boloh għal Kristu". (San Pawl 1 Kor 4) Bil-grieg, jissejħu *salos* u bir-russu, *yurudivi.* Il-figura ta' l-iblah għal Kristu hija wkoll magħrufa fil-punent. Eżempju tipiku hu San Franġisk. Meta kkonverta neħħa ħwejġu u tefagħhom fl-art; deher għarwien, sar "spettaklu" f'għajnejn in-nies. Dehra li forsi tiskandalizza, imma tidħol fit-tradizzjoni ta' din it-tip ta' bniedem illi l-istil ta' ħajtu tant imur kontra l-konvenzjoni (per eżempju, bir-rifjut totali tal-ġirja għall-unuri) li ġġiegħel lin-nies jgħidulu "iblah" fis-sens ta' miġnun. U huwa dan li laqatni f'Dun Ġorġ.

L-ewwel darba li ltqajt miegħu ħallieli impressjoni profonda, ferm differenti minn dik li stennejt minn dak li kont nisma' n-nies jgħidu fuqu, qabel ma fil-fatt iltqajt miegħu.

Fid-diskors tiegħu, ma kien hemm xejn jixbah lill-istil tar-*revivalists* protestanti, illum sikwit imitati minn xi kattoliċi. Dawn jippretendu li għandhom xi dawl speċjali biex ibassru l-futur jew xi setgħa biex iwettqu l-mirakli. Kien għall-kuntrarju d-diskors ta' Dun Ġorġ imnebbaħ minn sens qawwi ta' xi tfisser l-appartenenza għall-Knisja, "ix-xirka tal-qaddisin", il-miġemgħa ta' wlied Alla, b'kuntrast mal-konformiżmu mal-valuri "mondani" jew "sekolari".

Naħseb li huwa ferm interessanti anki li wieħed jara li l-isem li Dun Ġorġ ta lis-Soċjetà fih ċertu umoriżmu, ċerta awto-ironija. Tidher ukoll intelliġenza akuta fit-tifsira li Dun Ġorġ ta lill-ittri tal-kelma M.U.S.E.U.M., li tiffoka tajjeb il-ħsieb ta' l-evanġelizzazjoni. Imma fih innifsu l-isem, kif baqa' magħruf fost il-poplu, kien qed jgħid: "Aħna strambi, aħna bħal oġġetti kurjużi, eżotiċi, biżarri f'għajnejn id-dinja." U dan l-istil ta' wieħed li jieħu lilu nnifsu kważi biċ-ċajt huwa l-espressjoni ta' l-aqwa serjetà, għax juri valorizzazzjoni korretta ta' dak li wieħed hu fil-qafas ta' l-

eternità, fil-perspettiva tal-ħajja ta' dejjem, ta' dak li wieħed hu meta jħares lejn Alla. U naħseb li din il-kwalità ta' awto-ironija, dan il-mod li wieħed jaċċetta illi d-dinja tittrattak ta' buffu, ta' miġnun, ta' iblah, hija kwalità mill-iktar karatteristiċi, għalkemm mhux mill-iktar ovvji, anzi pjuttost moħbija ta' Kristu nnifsu. Ħafna drabi smajt min jgħid: "Fil-vanġelu naqraw li Kristu beka imma qatt ma daħaq". Huwa aktarx veru li Ġesù qatt ma daħaq daħq żgangerat. Però mhemmx dubju illi fl-erba' vanġeli, f'kull wieħed minnhom, fl-erba' verżjonijiet awtorevoli tar-ritratt ta' kif kien Kristu, jinħass ħafna (speċjalment bil-grieg) is-sens ta' l-awto-ironija. Għalkemm mhemmx id-daħqa, ħafna drabi fid-diskors stess ta' Ġesù tinħass ċerta tbissima. Per eżempju meta bidel isem Xmun Pietru. "Xmun" hija kelma li tfisser wieħed li jisma'. "Int kont dixxiplu tajjeb imma issa ser issir Pietru-Blata." "Rocky". Dak iż-żmien Pietru kien jidher propju l-oppost ta' blata li ma tiċċaqlaqx.

Dan is-sens ta' ironija kien jidher fit-tip ta' storja li ħafna drabi kien jirrakkonta Dun Ġorġ. Jekk hemm karatteristika li għandha tkun tan-nisrani u li ħassejt jien meta smajt lil Dun Ġorġ, kienet il-ferħ.

B. Wieħed mill-filosfi atei l-iktar magħrufin ta' żmienna Nietzsche qal: "Jien ma nemminx fil-Kristjaneżmu għaliex ma nemminx li l-insara li nara madwari tassew jemmnu. Għax kieku huma jemmnu kienu jidhru nies ferħana minn barra. Kieku huma tassew jemmnu li Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex isalvana, kieku tassew jemmnu li Kristu rebaħ il-mewt, li huma ġa qegħdin jgħixu l-ħajja ta' dejjem, il-ħajja ta' Alla nnifsu, li bil-grazzja ġa għandhom sehem mill-ħajja tat-Trinità, kieku jkunu nies ferħana." Hekk kienu juru ruħhom il-martri waqt il-martirju. L-istess insibu ċertu sens ta' gost kważi infantili fl-istejjer tat-tawmaturgi tal-medjuevu, li ħafna drabi l-mirakli tagħhom għandhom ċertu aspett umoristiku, anki meta jarawhom bħala konfront kontra x-xitan: dejjem ix-xitan jaqta' figura daqsxejn ridikola. U fuq kollox insibuh il-ferħ fil-qaddisin "boloh minħabba Kristu". Fihom jidher il-karattru daqsxejn

"klawnesk", tal-buffu, li narawh fiċ-ċirklu l-ħin kollu jaqla' d-daqqiet, il-ħin kollu jitfgħuh ma' l-art, però l-ħin kollu jqum. Ebda daqqa ma tferih għal kollox. Għandu din ir-reżistenza, qisu ġisem tal-lastiku li jippermettilu jissupera d-disfatti kollha, id-diżastri apparenti. U verament dak li fuq kollox jien kont inħoss meta nisma' lil Dun Ġorġ kien dan is-sens ta' ferħ. Huwa l-oppost ta' dak li qal Nietzsche fuq l-insara. "Meta nara l-insara dejjem qishom bil-geddum, ma nistax nemmen li Kristu rxoxta." Dun Ġorġ kien jikkomunika din il-konvinzjoni meta jagħti ħarsa ironika lejn l-unuri tad-dinja, il-ħarsa ta' min għandu tassew il-fidi fil-Kristjaneżmu.

Ċ. B'riferenza speċjali għal Malta, ħaġa li tolqotni hi li, f'Malta m'hawnx għallinqas għall-irġiel, ebda istituzzjoni monastika. Għandna patrijiet imma m'għandniex "monaċi" i.e. nies li jgħixu b'mod speċjali l-kariżma ta' xhieda eskatoloġika, jiġifieri li jantiċipaw f'din il-ħajja d-dehra tal-ħajja futura, li kemm jista' jkun f'din id-dinja juru kif ser tkun il-ħajja futura, il-ħajja tas-sema.

Kif kiteb John Saward, fil-ktieb *Perfect Fools: Folly for Christ's sake in Catholic and Orthodox Spirituality* (Oxford University Press, 1980): "Il-bluha qaddisa hija kważi dejjem marbuta mal-monastiċiżmu; infatti, tista' tgħid li l-istorja tal-bluha għall-imħabba ta' Kristu mhix għajr l-istorja tal-monastiċiżmu rrakkontata minn angolu partikolari."

Naħseb li l-istituzzjoni li ħalla Dun Ġorġ, il-M.U.S.E.U.M., serviet biex timla b'ċertu mod dan il-vojt kbir. Jiġifieri għandna nies illi jagħtu lill-poplu u 'l Knisja Maltija xhieda ta' kif tgħix din il-vokazzjoni ta' xhud eskatoloġiku. Però, qegħdin jagħmluha bi stil li jirrendiha aktar relevanti għal żmienna, mhux bħal San Benedittu fiż-żmien tal-bidu tal-monastiċiżmu, imwarrbin mid-dinja, imma fil-qalba tad-dinja stess, fuq il-postijiet tax-xogħol, f'nofs l-ambjenti ordinarji tal-ħajja. Din li wieħed iġorr ix-xhieda eskatoloġika propju fil-qalba tad-dinja hija r-risposta illi l-Knisja rrikonoxxiet bħala neċessarja fi żmienna meta rrikonoxxiet l-istituti sekulari. L-għarfien tas-sura ġdida li

ħteġilha tilbes il-vokazzjoni monastika, jew tal-bluha għal Kristu, fi żminijietna Dun Ġorġ urieh ukoll billi daħħal fir-regola tal-M.U.S.E.U.M. l-aspett ta' l-Evanġelizzazzjoni, speċjalment bit-tagħlim tal-katekiżmu.

***PETER SERRACINO INGLOTT***